KITBA TA' PAWL DIMECH

# FRAK Mill-Istorja tal-Marsa

## L-ARĊISQOF MONS. PIETRO PACE 1831 - 1914

■ *Mons. Pietro Pace għandu rabta kbira mal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa għaliex kien hu li bħala l-Arċisqof ta' Malta ta l-permessi meħtieġa biex tinbena l-knsija parrokkjali.*



*Pietru Pace twieled ir-Rabat Għawdex nhar id-9 ta' April 1831 u ġie mgħammed fil-knsija parrokkjali ta' San Ġorġ martri. Huwa mar jistudja Ruma u ħa d-dottorat fid-dritta kanoniku u ċivili. Sar saċerdot nhar it-22 ta' Diċembru 1855 fejn wara ntgħażel bħala segretarju taż-żewġ kardinali: Mons. Pietro Pace ġie lura Malta fil-1860 u l-isqof Mons. Pace Forno O.E.S.A. għażlu bħala professur ta' l-iskrittura fis-seminarju ta' Malta u kanonku tal-katidral ta' l-Imdina. Sadanittant ħadem biex Għawdex issir Djoċesi u laħaq Vigarju Ġenerali ta' l-ewwel isqof ta' Għawdex u kompla maż-żewġ isqfijiet ta' warajh. Fl-1877 il-Papa Piju IX ħatru isqof ta' Għawdex fejn dam aktar minn ħdax-il sena u fil-1889 sar l-Arċisqof ta' Malta fejn mexxa d-djoċesi għal 25 sena. Huwa waqqaf tmien parroċċi li huma: ta' San Ġiljan, Marsaxlokk, il-Kalkara, l-Imġarr, San Pawl il-Baħar, Raħal il-Ġdid, Kristu Re, il-Marsa, SSma. Trinità u Birżebbuġia. Kien hu li fired il-knisja ta' San Pawl tar-Rabat minn mal-Katidral ta' l-Imdina. Fi żmien l-episkopat tiegħu nkuruna tliet xbiehat tal-Madonna, dik tal-Katidral ta' l-Imdina, tal-Mellieħa u tal-Ħerba f'Birkirkara u ħadem biex il-Katidral Ferrata jinkuruna lill-kwadru tal-Kunċizzjoni ta' Bormla. Fil-1913 sar il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta fejn l-Arċisqof Mons. Pietro Pace kellu sehem importanti fih. Huwa miet nhar id-29 ta' Lulju 1914 fl-età ta' 83 sena fid-dar tiegħu fi triq il-Belt Victorja, (illum triq l-Isqof Pietro Pace) ir-Rabat, Għawdex. Il-funeral tiegħu sar fil-gżirja Għawdxija fejn ġie midfun fil-kappella ta' San Ġużepp fil-knisja katidrali ta' Marija Assunta fir-Rabat. l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi waqqaf monument tal-bronż f'ġieħu fl-istess katidral ftit 'il bogħod minn fejn hu midfun.*

*Il-Marsa fi żmien Mons. Pietro Pace rat żvilupp kbir u minn raħal żgħir bi ftit mijiet ta' nies jgħixu madwar il-knisja tal-Madonna tal-Grazzji "Ta' Ċejlu" u oħrajn imxerrdin 'l hawn u 'l hemm kibret għal eluf ta' nies. Dan sar għaliex ħafna ħaddiema bil-familji numerużi tagħhom ġew minn kull parti ta' Malta u Għawdex joqgħodu l-Marsa minħabba x-xogħol tax-xatt u l-industriji li kull ma jmur bdew jinbnew. Din il-ħaġa kienet ġibdet l-attenzjoni ta' dan ir-ragħaj tad-djoċesi Mons. Pietro Pace li kien magħruf għall-karità u l-imħabba lejn il-foqra u l-familji fil-bżonn. Hu kien bniedem sensittiv għall-bżonnijet tan-nies tal-Marsa u għalhekk beda jagħmel dak kollu possibbli ħalli jkollhom l-għajnuna spiritwali. Dan narawh ukoll fil-kitba tiegħu fl-editt tat-twaqqif tal-parroċċa meta stqarr kemm kien iżomm il-Marsa taħt il-ħarsa tiegħu u fl-istess ħin imħasseb dwar il-qagħda spiritwali li sabu ruħhom fiha l-Marsin minħabba n-nuqqas ta' knisja kbira parrokkjali biex taqdi l-ħtiġijiet spiritwli tagħhom. Kien ta' ferħ kbir għalih meta sar jaf li s-sinjuri l-Kavallier Lorenzo Balbi u martu Marija Karmela xtaqu li jibnu minn flushom knsija fil-Marsa wara li ġew konxji tal-bżonnijet*

urġenti li fihom kienu n-nies tal-Marsa. L-isqof ta l-permessi meħtieġa biex fl-1909 tibda tinbena l-knisja parrokkjali ddedikata lit-Trinità Qaddisa minnufih.

Iktar tard wara xi diskussjonijiet mal-Benefatturi Balbi, l-isqof Mons. Pietro Pace ta l-permess fil-25 ta' Mejju 1910 biex jinbena l-kunvent tal-patrijiet kapuċċini fil-Marsa, liema patrijiet Franġiskani kellhom imexxu huma l-parroċċa għaliex skond Lorenzo Balbi kienu tassew addattati għall-poplu ħaddiem li kien jgħix il-Marsa. Iżjed tard fil-1912 meta l-Markiża Anna Bugeja, l-armla tal-magħruf Vincenzo Bugeja xtaqet tagħmel opra ta' ġid għan-nies foqra tal-Marsa billi tibni skola għat-tfal tal-ħaddiema u l-kunvent tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù sabet l-approvazzjoni ta' l-Arċisqof Mons. Pietro Pace li ta l-permessi u l-barka tiegħu. Kien hu stess li bierek u nawgura l-post f'Settembru ta' l-1913 meta kollox kien lest.

L-akbar ġrajja li isem Mons. Pietro Pace baqà marbut mal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa hija għaliex kien hu stess li xtaq li din tkun inawgurata u tibqà bħala monument ħaj tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li nżamm f'dan iż-żmienijiet f'Malta. Kien l-Arċsqof li nhar id-19 ta' April 1913 filgħaxija fost il-ferħ tal-poplu u quddiem il-preżenza ta' Mons. Jnini tal-Minuri Osservanti, Delegat Appostoliku tas-Sirja, Mons. Camilleri, isqof ta' Għawdex u Mons. Sebastiano Leiti de Vascencellos, isqof ta' Beja l-Portugall, ta' reliġjużi, sinjuri u mas-sitt elf ruħ inawgura uffiċċjalment il-knisja parrokkjali tal-Marsa. Kif daħal Mons. Pace qagħad fil-lok li kellu mħejji għalih fuq il-presbiterju. Id-diskors sar mill-kanonku Dun Pawlu Gauci fuq il-pulptu. Wara dan id-diskors ġew kantati b'mużika tal-professur Nani "O Salutaris Ostja", Te Deum u t-Tantum Ergo u l-isqof ta l-Barka Sagramentali. Imbagħad fid-29 ta' April ta' l-istess sena fil-5 ta' wara nofs inhar l-isqof Pace, flimkien mal-Kardinal Ferrata, li ġie għall-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali bħala delgat tal-Papa San Piju X ġew iżuru l-knisja ħalli jonoraw lill-benfatturi s-sinjuri Balbi u reliġjużi kapuċċini. Kien f'din l-okkażjoni li l-isqof talab lill-Kardinal Domenico Ferrata iwassal il-messaġġ tiegħu bħala ragħaj tad-Djoċesi lill-Qdusija Tiegħu l-Papa sabiex Lorenzo Balbi jinħatar Kavallier ta' l-Ordni ta' San Silvestru Papa. Ħaġa li ġiet mgħotja minn Ruma nhar it-22 ta' Mejju 1913.

L-isem ta' dan l-isqof mhux marbut biss mal-knsija parrokkjali u l-kunventi tal-patrijiet tal-kapuċċini u sorijiet ta' ulied il-Qalb ta' Ġesù iżda f'diversi avvenimenti oħra saħansitra nsibuh fil-lapidi ta' xi wħud min-niċeċ li jżejjnu t-toroq fil-Marsa li kien ta l-indulġenza lil min jitlob quddiemhom. L-Arċisqof Mons. Pietro Pace għandu jibqà mfakkar għas-sehem tiegħu biex fil-Marsa tinbena knisja kbira u ssir parroċċa għall-ħtiġijiet tal-Marsin li għadha l-għożża tagħna lkoll.

Ref.: Il-Ġens Jan 2003, l-Immakulata 1913, u ġurnali lokali 1964 kitba ta' Dun Jos. Grech Cremona.

